**Parlament Ewropew**

2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**A10-0021/2024**

4.12.2024

***

# RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trasparenza f'Arbitraġġ ibbażat fuq Trattati bejn l-Investituri u l-Istat
(07011/2024 – C10-0080/2024 – 2015/0012(NLE))

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

Rapporteur: Anna Cavazzini

PR_NLE-AP_Agreement

***Tifsira tas-simboli użati***

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW..........4

NOTA SPJEGATTIVA ....................................................................................................5

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........................................................................................................6

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ........................................................7

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT RESPONSABBLI .....8

## ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trasparenza f’Arbitraġġ ibbażat fuq Trattati bejn l-Investituri u l-Istat**
**(07011/2024 – C10-0080/2024 – 2015/0012(NLE))**

**(Approvazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-abbozz ta’ deċiżjoni tal-Kunsill (07011/2024),

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trasparenza f’Arbitraġġ ibbażat fuq Trattati bejn l-Investituri u l-Istat (07012/2024),

– wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C10-0080/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 107(1) u (4) u l-Artikolu 117(7) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A10-0021/2024),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lis-Segretarjat tal-UNCITRAL.

# NOTA SPJEGATTIVA

Il-Konvenzjoni ta' "Mauritius" tan-NU dwar it-trasparenza għal Soluzzjoni ta' Tilwim bejn Investituri u Stati (ISDS) timmarka pass lejn aċċess pubbliku akbar għad-dokumenti u s-seduti, kif ukoll l-inklużjoni tas-soċjetà ċivili f'tilwim imressaq minn investituri kontra Stati taħt trattati ta' investiment.

Ir-ratifika tagħha mill-UE kienet talba li ilha ssir mill-Parlament, inkluż fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-2022 dwar il-Futur tal-Politika ta' Investiment Internazzjonali tal-UE. Skont ir-regoli ta' arbitraġġ li jirregolaw b'mod komuni l-proċedimenti tal-ISDS, it-tilwim jista' jibqa' moħbi mill-pubbliku mit-tnedija sal-konklużjoni tiegħu. Waħda mill-partijiet tista' titlob din is-segretezza, anki jekk il-każijiet jistgħu jimmiraw lejn miżuri deċiżi b'mod demokratiku, u jwasslu għal għotjiet f'biljuni. Għandu jkun rekwiżit minimu l-fatt li tiġi żgurata trasparenza sħiħa.

Il-Konvenzjoni ta' Mauritius tiffaċilita l-applikazzjoni tar-Regoli ta' Trasparenza tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ (UNCITRAL) għat-trattati dwar l-investiment konklużi qabel l-1 ta' April 2014. Dawn ir-regoli jirrikjedu li d-dokumenti kollha, inklużi d-deċiżjonijiet tat-tribunal u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, isiru pubbliċi; li s-smigħ ikun miftuħ għall-pubbliku; u li l-partijiet ikkonċernati, bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, jitħallew jagħmlu sottomissjonijiet lit-tribunal. Il-ftehimiet kollha tal-UE konklużi wara l-2014 diġà jinkludu rekwiżiti ta' trasparenza simili.

Il-Konvenzjoni tapplika b'mod retroattiv għal trattati ta' investiment iffirmati qabel l-introduzzjoni tar-regoli ta' trasparenza tal-UNCITRAL. Il-partijiet kontraenti li jirratifikaw il-Konvenzjoni jista' jkollhom ir-regoli l-ġodda applikati f'tilwim skont trattati antiki, mingħajr il-ħtieġa li jinnegozjawhom mill-ġdid b'mod individwali.

Madwar 1 200 ftehim li jinvolvu l-Istati Membri tal-UE jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni. It-Trattat tal-Karta tal-Enerġija (TKE) huwa l-uniku trattat kopert fil-livell tal-UE.

Ir-ratifika tal-Konvenzjoni hija l-ewwel pass fir-riforma usa' tas-soluzzjoni tat-tilwim dwar l-investiment fi ħdan il-qafas tal-Kummissjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi Internazzjonali tal-Kummerċ għall-ħolqien ta' Qorti Multilaterali tal-Investiment. Il-metodu tagħha għandu jiġi replikat, pereżempju fil-qafas tal-ħidma tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi biex it-trattati ta' investiment jiġu allinjati mal-għanijiet klimatiċi tal-Ftehim ta' Pariġi.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
## LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

# PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-trasparenza f'arbitraġġ ibbażat fuq trattati, bejn l-investituri u l-Istat |
| **Referenzi** | 07011/2024 – C10-0080/2024 – 2015/0012(NLE) |
| **Data tal-konsultazzjoni jew talba għal approvazzjoni** | 12.7.2024 |
| **Kumitat(i) responsabbli** | il-Kumitat INTA |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Anna Cavazzini<br>30.9.2024 |
| **Diskussjoni fil-kumitat** | 18.11.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 3.12.2024 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 34<br>–: 0<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Manon Aubry, Christophe Bay, Brando Benifei, Lynn Boylan, Anna Bryłka, Udo Bullmann, Daniel Caspary, Benoit Cassart, Markéta Gregorová, Céline Imart, Karin Karlsbro, Rudi Kennes, Sebastian Kruis, Bernd Lange, Ilia Lazarov, Miriam Lexmann, Gabriel Mato, Javier Moreno Sánchez, Ştefan Muşoiu, Daniele Polato, Majdouline Sbai, Lukas Sieper, Francesco Torselli, Inese Vaidere, Kathleen Van Brempt, Marie-Pierre Vedrenne, Catarina Vieira, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Mika Aaltola, João Cotrim De Figueiredo, Barry Cowen, Borja Giménez Larraz, Cristina Maestre |
| **Membri skont l-Artikolu 216(7) tar-Regoli ta' Proċedura preżenti għall-votazzjoni finali** | Delara Burkhardt, Loránt Vincze |
| **Data tat-tressiq** | 4.12.2024 |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT RESPONSABBLI

| 34 | + |
|---|---|
| ECR | Daniele Polato, Francesco Torselli |
| NI | Lukas Sieper |
| PPE | Mika Aaltola, Daniel Caspary, Borja Giménez Larraz, Céline Imart, Ilia Lazarov, Miriam Lexmann, Gabriel Mato, Inese Vaidere, Loránt Vincze, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| PfE | Sebastian Kruis |
| Renew | Benoit Cassart, João Cotrim De Figueiredo, Barry Cowen, Karin Karlsbro, Marie-Pierre Vedrenne |
| S&D | Brando Benifei, Udo Bullmann, Delara Burkhardt, Bernd Lange, Cristina Maestre, Javier Moreno Sánchez, Ştefan Muşoiu, Kathleen Van Brempt |
| The Left | Manon Aubry, Lynn Boylan, Rudi Kennes |
| Verts/ALE | Markéta Gregorová, Majdouline Sbai, Catarina Vieira |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 2 | 0 |
|---|---|
| PfE | Christophe Bay, Anna Bryłka |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjonijiet